MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 971/2002

Citazzjoni numru 971/2002
Continental Purchasing Company Limited
Vs.
Miveda Company Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi hija kreditrici tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta' sitt elef erba' mija u disghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm6490.70) bilanc minn somma akbar, rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-imsemmija socjeta konvenuta fuq ordni taghha stess.

Illi minkejja illi giet interpellata sabiex thallas is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijieet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu l67 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u 2) tikkundannaha thallas lis-socjeta attrici is-somma fuq indikata ta' sitt elef erba' mija u disghin liri Maltin u

sebghin centezmu (Lm6490.70) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
Bl-imghax legali kalkolabbli mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tas-6 ta'' Gunju, 2001 u tal-ittra ufficcjali tal-31 ta''Lulju, 2002 u tal-Mandat ta''Sekwestru presentat kontestwalment mal-prezenti, kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u ;;id-dokumenti l-ohra;
Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;
Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghaxijiet legali kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur